Nru./No. 21,198
Prezz/Price
€2.88

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024**
**Tuesday, 27th February, 2024**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta ..... 2121
*Proclamation by the President of Malta* ..... *2121*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2122 - 2129
*Government Notices* ..... *2122 - 2129*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2130 - 2134
*Police Notices* ..... *2130 - 2134*

Avviżi lill-Baħħara ..... 2134
*Notices to Mariners* ..... *2134*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 2134 - 2138
*Employment Opportunities* ..... *2134 - 2138*

Avviżi tal-Gvern ..... 2138
*Notices* ..... *2138*

Offerti ..... 2138 - 2144
*Tenders* ..... *2138 - 2144*

Avviżi tal-Qorti ..... 2144 - 2180
*Court Notices* ..... *2144 - 2180*

ANNO DOMINI 2024 NRU. II

# Proklama

**MILL-AĠENT PRESIDENT**
**(L.S.) TA' MALTA**

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-26 ta' Frar, 2024, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum 26 ta' Frar, 2024.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2024 NO. II

# Proclamation

**BY THE ACTING PRESIDENT**
**(L.S.) OF MALTA**

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 26th day of February, 2024, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 26th day of February, 2024.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 267**

**ATT FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (KAP. 543)**

**Ħatra fuq il-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 10 tal-Att fuq l-Azzjoni dwar il-Klima, il-Prim Ministru approva l-ħatra tas-Sa Lucienne Meilak biex isservi fuq il-Bord tal-Azzjoni dwar il-Klima minflok is-Sur Ivan Sammut. Din il-ħatra hi effettiva mis-7 ta' Frar, 2024 sat-12 ta' Settembru, 2025.

It-23 ta' Frar, 2024

**Nru. 268**

**KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)**

**Ħatra ta' Avukati tat-Tfal**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 89 tal-Kodiċi dwar l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u bil-Legiżlazzjoni Sussidjarja 12.20, Regolament 3(1)(b), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lill-imsemmija kif jidhru hawn taħt bħala Avukati tat-Tfal għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mill-21 ta' Frar, 2024.

Dott. Deborah Camilleri
Dott. Stephanie Caruana
Dott.Charmaine Cherrett
Dott. Rosanna Ciliberti
Dott. StephanieGalea
Dott. Mary Muscat
Dott. Marita Pace Dimech
Dott. Tanya Sammut
Dott.Tatianne Scicluna Cassar
Dott. Alexandra Sladden

Is-27 ta' Frar, 2024

**Nru. 269**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 267**

**CLIMATE ACTION ACT (CAP. 543)**

**Appointment on the Climate Action Board**

IN terms of Article 10 of the Climate Action Act, the Prime Minister has approved the appointment of Ms Lucienne Meilak to serve on the Climate Action Board instead of Mr Ivan Sammut. This appointment is effective from the 7th of February, 2024 until 12th September, 2025.

23rd February, 2024

**No. 268**

**CODE OF ORGANISATION AND CIVIL PROCEDURE (CAP. 12)**

**Appointment of Childrens' Advocate**

IN exercise of the powers vested in him by Article 89 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) and Subsidiary Legislation 12.20, Regulation 3(1)(b), the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector, has appointed the undermentioned as Children's Advocates for a period of three years with effect from the 21st February, 2024.

Dr Deborah Camilleri
Dr Stephanie Caruana
Dr Charmaine Cherrett
Dr Rosanna Ciliberti
Dr Stephanie Galea
Dr Mary Muscat
Dr Marita Pace Dimech
Dr Tanya Sammut
Dr Tatianne Scicluna Cassar
Dr Alexandra Sladden

27th February, 2024

**No. 269**

**LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the

mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,195 tal-20 ta' Frar, 2024 (Avviż Legali 32) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,197 tat-23 ta' Frar, 2024 (Avviżi Legali 33 sa 35) rispettivament.

A.L. 32 tal-2024: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti tal-2024 dwar Livell Minimu Globali ta' Tassazzjoni għal Gruppi ta' Intrapriżi Multinazzjonali u Gruppi Domestiċi fuq Skala Kbira fl-Unjoni Ewropea.

A.L. 33 tal-2024: *Banking Act (Cap. 371), Financial Institutions Act (Cap. 376); Credit Institutions and Financial Institutions (Payment Accounts)(Amendment) Regulations, 2024*.

A.L. 34 tal-2024: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu.

A.L. 35 tal-2024: Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545); Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema ta' Tariffi Feed-in (Elettriku Ġenerat minn Stallazzjonijiet Fotovoltajċi tax-Xemx).

Is-27 ta' Frar, 2024

**Nru. 270**

## REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

### Għotja fuq xiri ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur domestiku – Sejħa 2024/RES

BIEX ikompli jinkoraġġixxi t-titjib fl-użu tal-enerġija li jipproduċi l-pajjiż, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma qiegħed jamministra l-iskema ffinanzjata minn fondi nazzjonali li hi mmirata biex tinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi fotovoltajċi għal użu residenzjali li jnaqqsu l-użu ta' enerġija, jew li jużaw għejun ta' enerġija li tiġġedded.

**1. Għotja li titħallas taħt din l-iskema**

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja għal sistema permezz tal-formola li tista' timtela' minn fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (www.rews.org.mt) jew permezz tal-formola li tista' titniżżel

Government Gazette No. 21,195 of 20th February, 2024 (Legal Notice 32) and Government Gazette No. 21,197 of 23rd February, 2024 (Legal Notices 33 to 35) respectively.

L.N. 32 of 2024: Income Tax Act (Cap. 123); European Union Global Minimum Level of Taxation for Multinational Enterprise Groups and Large-Scale Domestic Groups Regulations, 2024.

L.N. 33 of 2024: Banking Act (Cap. 371), Financial Institutions Act (Cap. 376); Credit Institutions and Financial Institutions (Payment Accounts)(Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 34 of 2024: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources (Amendment) Regulations, 2024.

L.N. 35 of 2024: Regulator for Energy and Water Services Act (Cap. 545); Feed-in Tariffs Scheme (Electricity Generated from Solar Photovoltaic Installations) (Amendment) Regulations, 2024.

27th February, 2024

**No. 270**

## REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

### A grant on the purchase of Renewable Energy Systems in the domestic sector – Call 2024/RES

IN order to further encourage the better use of the energy being generated by the country, the Regulator for Energy and Water Services is administering the following nationally funded scheme which aims to encourage the use of photovoltaic systems for residential use that reduce the use of energy, or use renewable sources of energy.

**1. Grant payable under this scheme**

Applicants may apply for a grant under this scheme for a system by means of an online form from the Regulator for Energy and Water Services website (www.rews.org.mt) or by means of the form downloadable from the same website.

mill-istess sit elettroniku. L-iskema hija amministrata u suġġetta għal-linji gwida li jitniżżlu wkoll minn dan is-sit elettroniku.

L-applikanti li jkunu rċevew għotja għal sistema simili mill-2010 'il hawn mhumiex eliġibbli għal għotja oħra mogħtija taħt din l-iskema.

**2. Tul tal-iskema**

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jintlaqgħu b'mod validu mit-23 ta' Frar, 2024 sal-aħħar tas-sena. Din l-iskema tista' tiġi mibdula jew mitmuma qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma jista' jidhirlu li hu xieraq ukoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

**3. Infiq eliġibbli**

Ir-Regolatur jirriżerva d-dritt li jirrifjuta l-għotja u, jew li jieħu azzjoni legali biex jirkupra l-ammont mogħti bl-interessi u bl-ispejjeż oħra li setgħu saru, fil-każ ta' applikant li jkun eżerċita d-dritt li jikseb jew li kiseb xi skont ta' taxxa, tnaqqis inkluż tnaqqis ta' kreditu ta' input tax mill-output tax skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), jew xi rifużjoni ta' taxxa jkun kif ikun imfisser, għar-rigward tal-infiq eliġibbli li jsir għax-xiri tal-installazzjoni fotovoltajka.

**4. Għajnuna mill-Istat**

Din l-iskema qed tiġi implimentata b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru, 2023, dwar l-applikazzjoni tal-Artikli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna de minimis.

5. Emendi għall-iskema

Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jkollu f'kull waqt id-dritt li jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' avviż ippubblikat fil-Gazzetta li jkun jinkludi dawk l-emendi.

**SKEDA**

Lista ta' perċentwali ta' għajnuna:

The scheme is administered and governed in terms of the guidelines also downloadable from the website.

Applicants who have received a grant for a similar system since 2010 shall not be eligible for another grant issued in terms of this scheme.

**2. Duration of the scheme**

Applications for this call may be validly received as from the 23rd of February 2024 until the end of the year. The scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Regulator for Energy and Water Services also by means of a notice in the Government Gazette.

**3. Eligible expenditure**

The Regulator reserves the right to refuse the grant and, or take legal action to recover the amount granted with interests and any other costs incurred, in case of any applicant having exercised the right to obtain or who has obtained any tax rebate, deduction including deductions of input tax credit from the output tax in terms of the Value Added Tax Act (Cap. 406), or other tax refund however so described, with regard to the eligible expenditure made in relation to the purchase of the photovoltaic installation.

**4. State aid**

This scheme will be implemented in accordance with the provisions of Commission Regulation (EU) No. 2023/2831 of 13 December, 2023, on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid.

5. Amendments to the scheme

The Regulator for Energy and Water Services shall at all times have the right to make any amendments to this scheme by means of a notice published in the Gazette containing such amendments.

**SCHEDULE**

List of grant percentage:

Għażla A – Sistema fotovoltajka bi standard solar inverter: 50% tal-infiq eliġibbli sa massimu ta' 2,500 ewro kull sistema u ewro 625 kull kWp;

Għażla B – Sistema fotovoltajka b'inverter hybrid: 50% tal-infiq eliġibbli sa massimu ta' 3,000 ewro kull sistema u ewro 750 kull kWp;

Għażla Ċ – Hybrid/Battery inverter u sistema ta' batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 80% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 7,200 ewro kull sistema u ewro 720 kull kWh u 80% tal-infiq eliġibbli tal-Hybrid inverter sa massimu ta' 1,800 ewro kull sistema u ewro 450 kull kWp;

Għażla D – Sistema ta' Batterija għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli: 80% tal-infiq eliġibbli tas-sistema tal-batterija sa massimu ta' 7,200 ewro kull sistema u ewro 720 kull kWh.

Sidien ta' sistemi installati fuq postijiet residenzjali (anke dawk li ma bbenefikaw minn ebda għajnuna fuq xi Sistema tal-Pannelli jiġifieri la Feed-in Tariff jew Għotja) u ilhom imqabbda mal-grid għall-inqas sitt snin jistgħu japplikaw għal preferenza Ċ.

L-applikant, meta japplika għal għażla B, jista' japplika wkoll għal għażla D.

Is-27 ta' Frar, 2024

Option A – PV system with standard solar inverter: 50% of eligible costs up to a maximum of euro 2,500 per system and euro 625/kWp;

Option B – PV system with hybrid inverter: 50% of eligible costs up to a maximum of euro 3,000 per system and euro 750/kWp;

Option C – Hybrid/Battery inverter and battery: 80% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of euro 7,200 per system and euro 720/kWh plus 80% of eligible costs of the Hybrid/battery inverter up to a maximum of euro 1,800 per system and euro 450/kWp;

Option D – Battery Storage only: 80% of eligible costs of the Battery Storage up to a maximum of euro 7,200 per system and euro 720/kWh.

Owners of PV installations installed on residential premises (even those that do not benefit from any aid on the PV system i.e. no feed-in tariff or grant) and connected to the grid for at least 6 years may apply to option C.

The applicant, when applying for Option B, may also apply for Option D.

27th February, 2024

**Nru. 271**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

**No. 271**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 27.2.2024 | €60.201 | €0.675 |

Is-27 ta' Frar, 2024

27th February, 2024

**Nru. 272**

## NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-QRENDI

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija fil-Qrendi, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

**No. 272**

## NUMBERING OF DOORS AT IL-QRENDI

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Il-Qrendi, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
**IL-QRENDI**

**1. TRIQ CONGREVE**
**2. WESGĦA WIDNET IL-BAĦAR**

### 1. TRIQ CONGREVE

Meta tidħol minn Wesgħa Widnet il-Baħar
*Entering from Wesgħa Widnet il-Baħar*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Azul (Restorant) | 1 |
| Alka Cafè | 2 |
| Il Corsaro | 3 |
| Alka Mediterranean Cuisine | 4 |
| Bieb bla numru | 5 |
| 4, Arzella | 6 |
| Reflection Cave (Ħanut) | 7 |
| Garaxx | 8 |
| Garaxx | 9 |
| Garaxx | 10 |
| Garaxx | 11 |
| Blue Grotto Gift Shop | 12 |
| Congreve Channel Bar & Rest. | 13 |
| Ħanut | 14 |

### 2. WESGĦA WIDNET IL-BAĦAR

Meta tidħol minn Triq Congreve
*Entering from Triq Congreve*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Grotta Bar | 1 |
| Bieb bla numru | 2 |
| Sweet Surprise (Ħanut) | 3 |
| Il Goloso Gelateria | 4 |
| Kingfisher Restaurant | 5 |

**Nru. 273**

**NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija f'Bubaqra, Iż-Żurrieq, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

**No. 273**

**NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ**

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Bubaqra, Iż-Żurrieq, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*

**BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ**

**1. TRIQ IS-16 TA' LULJU**
**2. TRIQ IL-25 TA' NOVEMBRU**
**3. TRIQ JOSEPH ZERAFA**

**1. TRIQ IS-16 TA' LULJU**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal l-Indipendenza

*Left side entering from Vjal l-Indipendenza*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 1 |
| Bieb bla numru | 3 |
| Ave Maria | 5 |
| Bieb bla numru | 7 |
| Garaxx | 9 |
| Mount Carmel | 11 |
| Gostna | 13 |
| Garaxx | 15 |
| Garaxx | 17 |
| Mayflower | 19 |
| Jesbried | 21 |
| No 1 Zanzay (Garaxx) | 23 |
| Garaxx | 25 |
| Il-Pjazzetta (Flettijiet) | 27 |
| Bieb bla numru | 29 |
| Garaxx | 31 |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal l-Indipendenza

*Right side entering from Vjal l-Indipendenza*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Bieb bla numru | 2 |
| Daħla għall-garaxxijiet | 4 |
| Blunville (Flettijiet) | 6 |
| Bieb bla numru | 8 |
| Bieb bla numru | 10 |
| Morning Glory | 12 |
| Garaxx | 14 |
| Garaxx | 16 |
| Leo-Doris | 18 |
| Springfields | 20 |
| Garaxx | 22 |
| Garaxx | 24 |
| Josren | 26 |
| Garaxx | 28 |
| Grada | 30 |
| Garaxx | 32 |
| Casa Azzopardi | 34 |
| Garaxx | 36 |
| Censcarm | 38 |
| Solitaire | 40 |
| Garaxx | 42 |
| Sit bla bini | 44 |
| Sit bla bini | 46 |
| Garaxx | 48 |
| Tabor | 50 |
| The Willows | 52 |
| Garaxx | 54 |
| Sit bla bini | 56 |

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* | Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|---|---|
| | | Sit bla bini | 58 |
| | | Sit bla bini | 60 |
| | | Sit bla bini | 62 |
| | | Ġużeppi Marija | 64 |
| | | Sit bla bini | 66 |
| | | Sit bla bini | 68 |
| | | Sit bla bini | 70 |
| | | Sit bla bini | 72 |
| | | Sit bla bini | 74 |
| | | M3 | 76 |
| | | Daħla għall-garaxxijiet | 78 |
| | | 3G's Court | 80 |
| | | Citta Umilissima | 82 |

**2. TRIQ IL-25 TA' NOVEMBRU**

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Agata

*Left side entering from Triq Sant'Agata*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| | |

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Sant'Agata

*Right side entering from Triq Sant'Agata*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru Ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Bieb bla numru | 2 |
| Bieb bla numru | 4 |
| Bieb bla numru | 6 |
| Bieb bla numru | 8 |
| Bieb bla numru | 10 |
| Bieb bla numru | 12 |
| Bieb bla numru | 14 |
| Bieb bla numru | 16 |
| Bieb bla numru | 18 |
| Bieb bla numru | 20 |
| Bieb bla numru | 22 |

**3. TRIQ JOSEPH ZERAFA**

Meta tidħol minn Triq Fra Ġammari Zammit
*Entering from Triq Fra Ġammari Zammit*

| Isem/Numru Qadim<br>*Name/Old Number* | Numru ġdid<br>*New Number* |
|---|---|
| Garaxx | 1 |
| Garaxx | 2 |
| Haven's Lodge | 3 |
| Garaxx | 4 |
| Garaxx | 5 |
| Garaxx | 6 |
| Il-Kenn | 7 |
| Garaxx | 8 |
| Il-Varloppa | 9 |

Is-27 ta' Frar, 2024 27th February, 2024

**Nru. 274**

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, l-ko-inkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn ko-inkwilini oħra. L-applikant huwa responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

**No. 274**

**LANDS AUTHORITY**

**Notification of Affixation of Notice**

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

Is-27 ta' Frar, 2024

27th February, 2024

| Nru. tal-Applikazzjoni<br>*Application No.* | Nru. tal-Proprjetà/Tenement<br>*Property/Tenement No.* | Deskrizzjoni tal-Proprjetà<br>*Property Description* | Talba<br>*Request* |
|---|---|---|---|
| AGRI 1/2021/0811 | Z50070-001 | 27th ptn of Farm<br>Ta' Ħamet - XEWKIJA | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2021/0812 | Z50070-001 | 27th ptn of Farm<br>ta' Ħamet - XEWKIJA | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2021/0820 | 50478-013 | 7th Portion of land<br>il-Fiddien - RABAT | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2022/1696 | 050341-003 | 1st ptn of Lands l-Imdawra<br>ta' Fuq - NAXXAR | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2022/1697 | 050341-004 | 1st ptn of Lands l-Imdawra<br>ta' Fuq - NAXXAR | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2022/1440 | Z50322 | Raba 3rd ptn Ta' Briegħen<br>- GĦAJNSIELEM | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2022/1778 | 50583-006 | 16th ptn of Lands<br>Ta' Binġemma - MĠARR | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2022/1779 | 50270-011 | Garden & Field Ta' Żebbiegħ<br>& Ta' Facciol - MOSTA | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2023/0592 | 050539-006 | 11th Ptn of Farm il-Qlejja<br>ż-Żgħira - MDINA | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |
| AGRI 1/2023/0670 | 52597-001 | Raba in-Nadur, Fejn Kmamar<br>tan-Nar- SIĠĠIEWI | Transfer of agricultural lease rights onto third-party farmer |

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 45**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**L-Imġarr**

Iċ-ċaqliq tat-traffiku kollu u parkeġġ se jkun ipprojbit nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sad-9.00 p.m., fi Triq il-Kbira, Triq Vitale, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Triq Dun Ġużepp Micallef, Triq San Filippu, Triq Ċent, Triq Tal-Parroċċa, Triq Barbara u Triq Dun Edgar għall-knisja. L-imsemmija toroq se jkunu kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Il-Mosta**

Iċ-ċaqliq tat-traffiku kollu u parkeġġ se jkun ipprojbit nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024, mill-5.15 p.m. sad-9.00 p.m., fi Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Kurat Bezzina, Triq Speranza, Triq Salvu Zahra, Triq Nerik Mizzi, Triq il-Kurat Schembri, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq Nicolò Isouard, Triq Ġwanni XXIII, Triq il-Kurat Schembri and Triq il-Kostituzzjoni. L-imsemmija toroq se jkunu kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet;

Iċ-ċaqliq tat-traffiku kollu u parkeġġ se jkun ipprojbit nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sas-7.00 p.m., fi Triq Santu Rokku, Triq Dun Ġwann Pullicino, Triq il-Fdalijiet Preistoriċi, Triq il-Battaljun and Triq Santu Rokku. L-imsemmija toroq se jkunu kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet;

Iċ-ċaqliq tat-traffiku kollu u parkeġġ se jkun ipprojbit nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sas-6.30 p.m., fi Triq il-Kissier, Triq is-Snajja', Triq il-Baqqunier, Triq il-Ġarrier, Triq il-Qares, Triq is-Snajja' u Triq it-Trinkatur. L-imsemmija toroq se jkunu kompletament magħluqa matul dawn il-ħinijiet.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Santa Venera**

Nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024, mis-6.00 p.m. sad-9.00 p.m., purċissjoni mill-knisja parrokkjali ta' Santa Venera, Triq

POLICE NOTICE

**No. 45**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Mġarr**

All the traffic movement and parking is prohibited on Friday, 15th March, 2024, from 5.00 p.m. till 9.00 p.m., in Triq il-Kbira, Triq Vitale, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Triq Dun Ġużepp Micallef, Triq San Filippu, Triq Ċent, Triq Tal-Parroċċa, Triq Barbara and Triq Dun Edgar to the church. The mentioned streets will be completely closed during these hours.

Public transport will be affected.

**Mosta**

All the traffic movement and parking is prohibited on Friday, 8th March, 2024, from 5.15 p.m. till 9.00 p.m., in Pjazza Rotunda, Triq il-Kbira, Triq il-Kurat Bezzina, Triq Speranza, Triq Salvu Zahra, Triq Nerik Mizzi, Triq il-Kurat Schembri, Triq it-Tabib Chetcuti, Triq Nicolò Isouard, Triq Ġwanni XXIII, Triq il-Kurat Schembri and Triq il-Kostituzzjoni. The mentioned streets will be completely closed during these hours;

All the traffic movement and parking is prohibited on Thursday, 14th March, 2024, from 5.00 p.m. till 7.00 p.m., in Triq Santu Rokku, Triq Dun Ġwann Pullicino, Triq il-Fdalijiet Preistoriċi, Triq il-Battaljun and Triq Santu Rokku. The mentioned streets will be completely closed during these hours;

All the traffic movement and parking is prohibited on Monday, 18th March, 2024, from 4.00 p.m. till 6.30 p.m., in Triq il-Kissier, Triq is-Snajja', Triq il-Baqqunier, Triq il-Ġarrier, Triq il-Qares, Triq is-Snajja' and Triq it-Trinkatur. The mentioned streets will be completely closed during these hours.

Public transport will be affected.

**Santa Venera**

On Friday, 8th March, 2024, from 6.00 p.m. till 9.00 p.m., procession from Santa Venera parish church, Triq il-Kbira San

il-Kbira San Ġużepp, Triq l-Imsida, Triq Romeo Romano, Triq Adelaide Cini, Triq il-Markiż John Scicluna, Triq l-Imsida, Misraħ il-Barrieri, Misraħ Santa Venera u lura għall-Knisja l-Qadima ta' Santa Venera,

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat,

M'hemmx bżonn clearance;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sat-8.30 p.m., purċissjoni mill-knisja parrokkjali Santa Venera, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Salvu Spiteri, Triq Reġjonali, Triq Misraħ il-Barrieri, Triq l-Imsida u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-knisja parrokkjali, Santa Venera,

Hemm bżonn clearance: Triq San Ġorġ minn kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp sa kantuniera ma' Triq il-Kardinal Sciberras,

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sas-7.30 p.m., purċissjoni mill-knisja tad-Duluri, Triq Abela Scolaro, Triq is-Sewwieqa, Triq Mifsud Bonnici, Triq Pawlu Debattista, Triq il-Loġġa, Triq Dun Frans Camilleri, Triq is-Serkin, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Strada Fidele, Triq ir-Rebħa, Triq Farsons, Triq Abela Scolaro u lura għall-knisja tad-Duluri,

Hemm bżonn clearance madwar il-knisja,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sad-9.30 p.m., purċissjoni mill-knisja parrokkjali lejn Triq Manuel Magri, Triq Joe Sciberras, Triq Alexander, Triq Nuzzu, Triq id-Duluri, Triq il-Fatati, Triq il-Kapillan Muscat u Triq il-Kapillan Mifsud sal-knisja parrokkjali,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat,

M'hemmx bżonn clearance;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.30 a.m. sal-10.00 a.m., purċissjoni li titlaq mill-kappella ħdejn l-Iskola tal-Immakkulata Kunċizzjoni fi Triq il-Kanonku Bonnici, tgħaddi minn Triq il-Kanonku Bonnici u ddur lejn Triq il-Kapillan Mifsud sal-knisja parrokkjali,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat,

M'hemmx bżonn clearance.

Ġużepp, Triq l-Imsida, Triq Romeo Romano, Triq Adelaide Cini, Triq il-Markiż John Scicluna, Triq l-Imsida, Misraħ il-Barrieri, Misraħ Santa Venera and back to Knisja l-Qadima, Santa Venera,

Closure of street and public transport will be affected,

No clearance needed;

On Friday, 22nd March, 2024, from 5.00 p.m. till 8.30 p.m., procession from Santa Venera parish church, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Salvu Spiteri, Triq Reġjonali, Triq Misraħ il-Barrieri, Triq l-Imsida and Triq il-Kbira San Ġużepp till Santa Venera parish church,

Clearance needed: Triq San Ġorġ from corner with Triq il-Kbira San Ġużepp till corner with Triq il-Kardinal Sciberras,

Closure of street and public transport will be affected.

**Ħamrun**

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.30 p.m. till 7.30 p.m., procession from Duluri church, Triq Abela Scolaro, Triq is-Sewwieqa, Triq Mifsud Bonnici, Triq Pawlu Debattista, Triq il-Loġġa, Triq Dun Frans Camilleri, Triq is-Serkin, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Strada Fidele, Triq ir-Rebħa, Triq Farsons, Triq Abela Scolaro and back to Duluri church,

Clearance needed around the church,

Closure of streets and public transport will be affected;

On Friday, 22nd March, 2024, from 5.00 p.m. till 9.30 p.m., procession from parish church towards Triq Manuel Magri, Triq Joe Sciberras, Triq Alexander, Triq Nuzzu, Triq id-Duluri, Triq il-Fatati, Triq il-Kapillan Muscat and Triqil-Kapillan Mifsud till the parish church,

Closure of roads and public transport will be affected,

No clearance needed;

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.30 a.m. till 10.00 a.m., procession leaving from chapel near Immaculate Conception School in Triq il-Kanonku Bonnici, passes from Triq il-Kanonku Bonnici and towards Triq il-Kapillan Mifsud till the parish church,

Closure of streets and public transport will be affected,

No clearance needed.

**Iż-Żejtun**

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq San Girgor quddiem il-knisja ta' San Girgor.

**Il-Marsa**

Nhar l-Erbgħa, 28 ta' Frar, 2024, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, mill-parkeġġ pubbliku tal-Marsa (taħt il-fly-over ta' Santa Luċija,

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.30 p.m. minn Triq Nerik Sacco, Triq il-Jum, Triq Xemxija, Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Isouard u lura għal Triq Nerik Sacco,

Hemm bżonn clearance: quddiem il-knisja u ċ-ċentru parrokkjali;

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m. purċissjoni minn Triq Balbi, Pont San Tumas, Triq Zerafa, Triq il-Marsa u lura għal Triq Balbi sal-knisja,

Hemm bżonn clearance: Triq Balbi mill-Każin PL sal-Knisja u l-Pont San Tumas,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mill-10.15 a.m. sal-11.15 a.m., minn Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Triq Bajjada u lura għal Triq Nerik Sacco,

M'hemmx bżonn clearance,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa, Triq Balbi, Triq San Tumas, Triq Stiefnu Zerafa, Triq Isouard, Triq Nerik Sacco u lura għal Triq Azzopardi,

Hemm bżonn clearance: Triq N.Sacco (quddiem il-knisja parrokkjali Maria Reġina), Triq Azzopardi, Triq Balbi u Triq Isouard (min-naħa tal-kanuntiera ta' Liberty Store sa Formosa Ironmongery),

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m. sad-9.30 a.m., minn Triq Balbi lejn iz-zuntier u lura għall-knisja,

**Żejtun**

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.00 a.m. till noon, through Triq San Girgor in front of San Girgor church.

**Marsa**

On Wednesday, 28th February, 2024, from 7.00 a.m. till noon, through Marsa public parking (under Santa Luċija fly-over),

Public transport may also be affected;

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.30 p.m. till 8.30 p.m. through Triq Nerik Sacco, Triq il-Jum, Triq Xemxija, Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq Assunta, Triq Ħal Qormi, Triq il-Kunċizzjoni, Triq Isouard and back to Triq Nerik Sacco,

Clearance only: in front of the church and parish centre;

Closure of streets and public transport will not be affected;

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m. procession through Triq Balbi, Pont San Tumas, Triq Zerafa, Triq il-Marsa and back to Triq Balbi till the church,

Clearance needed: Triq Balbi from PL band club till the church and Pont San Tumas,

Closure of streets and public transport will not be affected;

On Sunday, 24th March, 2024, from 10.15 a.m. till 11.15 a.m., through Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Triq Bajjada and back to Triq Nerik Sacco,

No clearance,

Closure of streets and public transport will be affected;

On Sunday, 24th March, 2024, from 3.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq Nerik Sacco, Triq Azzopardi, Triq il-Marsa, Triq Balbi, Triq San Tumas, Triq Stiefnu Zerafa, Triq Isouard, Triq Nerik Sacco and back to Triq Azzopardi,

Clearance needed: Triq N. Sacco (in front of Maria Reġina parish church), Triq Azzopardi, Triq Balbi and Triq Isouard (on side from Liberty Store corner till Formosa Ironmongery),

Closure of streets and public transport will be affected;

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.00 a.m. till 9.30 a.m., through Triq Balbi towards the parvis and back to church,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku mhux se jkun affettwat,

M'hemmx bżonn clearance.

**Santa Venera**

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mill-10.30 a.m. sa nofsinhar, minn Misraħ Ġużè Flores (bandli) u Triq il-Parroċċa sal-knisja parrokkjali ta' Santa Venera, fi Triq il-Kbira San Ġużepp,

Għeluq ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat,

M'hemmx bżonn clearance.

**Il-Birgu/Bormla**

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq San Lawrenz, il-Birgu, madwar il-monument tal-Ħelsien, il-Birgu, Triq Dom Mintoff, Bormla, Triq Santa Tereża, Bormla, Triq it-8 ta' Diċembru, Bormla, u Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.30 a.m. sal-10.00 a.m.

**Il-Birgu**

Mill-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, fl-4.00 a.m., sal-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, fil-11.00 a.m., minn Triq San Lawrenz, Xatt ir-Risq u Xatt il-Forn,

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.30 a.m. sal-10.00 a.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Frar, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 46**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Baħar iċ-Ċagħaq, in-Naxxar**

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Marzu, 2024, mis-7.30 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq Tul il-Kosta;

Nhar il--Ħadd, 17 ta' Marzu, 2024, mis-7.30 a.m. sal-10.30 a.m., minn Triq Tul il-Kosta,

Closure of roads and public transport will not be affected,

No clearance needed.

**Santa Venera**

On Sunday, 24th March, 2024, from 10.30 a.m. till noon, through Misraħ Ġużè Flores (playing field) and Triq il-Parroċċa till Santa Venera parish church in Triq il-Kbira San Ġużepp,

Closure of street and public transport will be affected,

No clearance needed.

**Vittoriosa/Cospicua**

On Sunday, 31st March, 2024, from 5.00 a.m. till 11.00 a.m. through, Triq San Lawrenz, Vittoriosa, round the Freedom Monument, Vittoriosa, Triq Dom Mintoff, Cospicua, Triq Santa Tereża, Cospicua, Triq it-8 ta' Diċembru, Cospicua, and Triq l-Inkurunazzjoni, Cospicua,

Public transport will also be affected from 5.30 a.m. till 10.00 a.m.

**Vittoriosa**

From Friday, 29th March, 2024, at 4.00 a.m., till Sunday, 31st March, 2024, at 11.00 a.m., through Triq San Lawrenz, Xatt ir-Risq and Xatt il-Forn.

Public transport will also be affected from 5.30 a.m. till 10.00 a.m.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th February, 2024

POLICE NOTICE

**No. 46**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Baħar iċ-Ċagħaq, Naxxar**

On Sunday, 10th March, 2024, from 7.30 a.m. till 10.00 a.m., through Triq Tul il-Kosta;

On Sunday, 17th March, 2024, from 7.30 a.m. till 10.30 a.m., through Triq Tul il-Kosta,

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Fleur-De-Lys, Birkirkara**

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mill-9.45 a.m. sal-10.45 a.m., minn Triq Fleur-De-Lys, Triq il-Passju, Triq Notabile u Triq Indjana,

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Iż-Żejtun**

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m., minn Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika u Triq il-Bon Kunsill sal-knisja parrokkjali,

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Frar, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 6 tal-2024**

*Korrezzjoni ta' Ċart – Tneħħija ta' bagi qrib l-Installazzjoni tal-31 ta' Marzu*

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk – Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-bagi qrib l-Installazzjoni tal-31 ta' Marzu fil-Port ta' Marsaxlokk tneħħew.

| | | |
|---|---|---|
| Ħassar: | Baga | Nru 2 |
| *Delete:* | *Mooring Buoy* | *No 2:* |
| | Baga | Nru 3 |
| | *Mooring Buoy* | *No 3:* |

Chart affettwata: BA 36

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Is-27 ta' Frar, 2024

L-AĠENZIJA GĦALL-VITTMI TAL-KRIMINALITA
(VSA)

L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità (VSA) teħtieġ professjonisti motivati għall-post li ġej:

Public transport will be affected.

**Fleur-De-Lys, Birkirkara**

On Sunday, 24th March, 2024, from 9.45 a.m. till 10.45 a.m., through Triq Fleur-De-Lys, Triq il-Passju, Triq Notabile and Triq Indjana,

Public transport will be affected.

**Żejtun**

On Sunday, 24th March, 2024, from 9.30 a.m. till 11.30 a.m., through Triq San Girgor, Misraħ ir-Repubblika and Triq il-Bon Kunsill till the parish church,

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th February, 2024

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 6 of 2024**

*Chart Correction – Deletion of mooring buoys near 31st March Installation*

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk – Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that mooring buoys near 31st March Installation in Marsaxlokk Port have been removed.

| | *Latitudni (T)*<br>*Latitude (N)* | *Longitudni (L)*<br>*Longitude (E)* |
|---|---|---|
| Baga<br>*Mooring Buoy* | 35° 49'.497 | 014° 31'.997 |
| Baga<br>*Mooring Buoy* | 35° 49'.468 | 014° 32'.018 |

Chart affected: BA 36

Positions referred to WGS 84 DATUM

27th February, 2024

VICTIM SUPPORT AGENCY
(VSA)

The Victim Support Agency (VSA) is looking for highly motivated result-oriented professionals for the following post:

**Case Officer I (Sapport Emozzjonali)**
*Permess ta' Jobsplus Nru. 268/2023*

Deskrizzjoni tax-xogħol, flimkien mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà u kwalifiki jistgħu jitniżżlu minn (https://victimsupportagency.com/vacancies/).

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' ċertifikat riċenti tal-kondotta tal-Pulizija, Europass CV dettaljat u kopji tal-kwalifiki akkademiċi lill-Kap Eżekuttiv tal-VSA fuq (vsa-hr@gov.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Is-27 ta' Frar, 2024

IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

**Pożizzjoni ta' Funding Support Officer**

*Numru tal-Permess ta' Jobsplus: 284/2023*

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Funding Support Officer fuq kuntratt indefinit. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża, u li:

(a) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF jew ekwivalenti, jew

(b) għandhom kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF, jew ekwivalenti, flimkien ma' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti. L-esperjenza tax-xogħol tirreferi jew għal impjieg full-time/part-time ma' organizzazzjoni volontarja rikonoxxuta jew xogħol/esperjenza volontarja rikonoxxuta ma' organizzazzjoni volontarja. Kwalifiki fil-Counselling, Studji tad-Diżabbiltà, u Studji taż-Żgħażagħ u tal-Komunità huma preferuti. Jiġu kkunsidrati wkoll oqsma oħra ta' kwalifiki.

L-applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, bil-posta lil: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129; jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miv@gov.mt), sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku (https://maltacvs.org/vacancies/), jew billi ċċempel lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat bin-numru tat-telefown +356 22481110, jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miv@gov.mt).

Is-27 ta' Frar, 2024

**Case Officer I (Emotional Support)**
*Jobsplus Permit No. 268/2023*

Job Description, together with the eligibility and qualification requirements can be downloaded from (https://victimsupportagency.com/vacancies/).

Interested applicants should send a letter of application together with a recent Police certificate of conduct, detailed Europass CV and copies of academic qualifications to the VSA CEO on (vsa-hr@gov.mt) by not later than Friday, 15th March, 2024.

Late applications will not be considered.

27th February, 2024

MALTA COUNCIL FOR VOLUNTARY SECTOR

**Position of Funding Support Officer**

*Jobsplus Permit Number: 284/2023*

The Malta Council for the Voluntary Sector invites applications for the position of Funding Support Officer on an indefinite contract. Applicants should be able to communicate in the Maltese and English languages, and:

(a) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 or equivalent, or

(b) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 5, or equivalent, plus two (2) years relevant work experience. Work experience refers to either full-time/part-time employment with a recognised voluntary organisation or recognised voluntary work/experience with a voluntary organisation. Qualifications in Counselling, Disability Studies, and Youth and Community Studies are preferred. Other areas of qualifications are also considered.

Applications, together with a curriculum vitae should be submitted to the Malta Council for the Voluntary Sector, by post to: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Valletta VLT 1129; or by email to (mcvs.miv@gov.mt) by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th March, 2024.

More information can the obtained from the website (https://maltacvs.org/vacancies/), or by calling the Malta Council for the Voluntary Sector by telephone number +356 2248 1110, or by email to (mcvs.miv@gov.mt).

27th February, 2024

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

**Sejħa għal Tuturi tar-Reading Recovery (part-time) mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu**

*Numru tal-Permess tal-Jobsplus 953/2023 (it-tielet sejħa)*

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Tuturi tar-Reading Recovery (part-time).

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat f'Livell 6 tal-MQF, jew ogħla, li jwassal għal kwalifika tal-professjoni ta' għalliem, flimkien mal-Warrant ta' Għalliem (mhux temporanju); U

2. Ċertifikat ta' Reading Recovery Teacher, jew ogħla; U

3. Tal-anqas tliet snin skolastiċi esperjenza fi skejjel Maltin bħala għalliem/a tar-Reading Recovery wara t-tlestija b'suċċess tat-taħriġ tal-għalliema tar-Reading Recovery.

Il-kandidati magħżula mistennija jagħtu kuljum minn sieġha sa sagħtejn tagħlim tar-Reading Recovery qabel u/jew wara l-ħin tal-iskola.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jistgħu jinkisbu minn (https://educationservices.gov.mt/nla) jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew min-numru tat-telefown fuq 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien mal-ġabra tal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) jew bil-posta lil: Reklutaġġ, L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu, Triq Ġużè Abela Scolaro, Il-Ħamrun HMR 1304, sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 8 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar.

Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u kmieni biżżejjed biex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-27 ta' Frar, 2024

NATIONAL LITERACY AGENCY

**Call for Reading Recovery Tutors (part-time) within the National Literacy Agency**

*Jobsplus Permit Number 953/2023 (third call)*

The National Literacy Agency is seeking to recruit Reading Recovery Tutors (part-time).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A teaching degree at MQF Level 6, or higher, together with the Teacher's Warrant (not temporary); AND

2. Reading Recovery teacher's certificate, or higher; AND

3. At least three scholastic years' experience delivering Reading Recovery sessions in Maltese schools following the successful completion of the Reading Recovery Teachers' Training.

Successful candidates are expected to work daily between the minimum of 1 hour and the maximum of 2 hours teaching time before and/or after school hours.

A detailed job description, including conditions of employment can be obtained from (https://educationservices.gov.mt/nla) or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) or by registered post to Recruitment, National Literacy Agency, NCC, Triq Ġużè Abela Scolaro, Ħamrun HMR 1304, by not later than Friday 8th March, 2024, at noon.

Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

27th February, 2024

AWTORITÀ TAL-EDUKAZZJONI AVVANZATA U GĦOLJA TA' MALTA

**Sejħa għal Espressjoni ta' Interess: Għażla ta' esperti**

L-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) qed tniedi Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal żewġ esperti b'esperjenza fl-Assikurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u l-Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali biex jirrevedu l-Linji Gwida għall-Assikurazzjoni tal-Kwalità Esterna ta' Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata/Istituzzjonijiet tal-VET bħala parti mit-Tim Nazzjonali tal-VET-Ippjanar tal-attività Annwali kofinanzjat mill-proġett tal-Programm Erasmus +.

**L-Għan tas-Sejħa**

L-MFHEA għandha l-għan "li trawwem l-iżvilupp u l-kisba ta' eċċellenza fl-edukazzjoni avvanzata u ogħla f'Malta permezz ta' riċerka, liċenzjar effettiv, akkreditazzjoni, assigurazzjoni tal-kwalità, u rikonoxximent ta' kwalifiki stabbiliti taħt il-Qafas Malti tal-Kwalifiki."– (Sors: Kapitolu 327, Att dwar l-Edukazzjoni).

Il-Linji Gwida riveduti għall-Assikurazzjoni tal-Kwalità Esterna tal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata/l-Istituzzjonijiet tal-VET se jipprovdu gwida dwar il-proċeduri tal-verifika tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità Esterna u jappoġġaw lill-istituzzjonijiet fit-titjib tal-kwalità u l-iżvilupp kontinwu tal-operazzjonijiet tagħhom.

**Kompiti**

L-esperti se jkunu mitluba sabiex:

Jiddeterminaw u janalizzaw fatturi kuntestwali li għandhom impatt fuq il-Linji Gwida għall-verifika esterna tal-kwalità tal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla;

Jespandu l-limiti internazzjonali ta' pajjiżi komparabbli fl-implimentazzjoni ta' mudelli simili ta' verifika/akkreditazzjoni, inkluża l-validazzjoni tal-aħjar prattika;

Jorganizzaw laqgħa ta' konsultazzjoni/kolazzjon għall-VET;

Jipproduċu verżjoni riveduta tal-Linji Gwida għall-verifika esterna tal-kwalità tal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla;

Jieħdu sehem fl-aħħar webinar.

Il-Linji Gwida għall-Assikurazzjoni tal-Kwalità Esterna tal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla jridu

MALTA FURTHER AND HIGHER EDUCATION AUTHORITY

**Call for Expression of Interest: Selection of experts**

The Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA) is launching an open Call for Expression of Interest for two experts with experience in Quality Assurance in Further Education and Vocational Education and Training to revise the Guidelines for External Quality Assurance of Further Education Institutions/VET Institutions as part of The National VET Team-Annual activity planning co-funded by Erasmus + Programme project.

**Purpose of the Call**

The MFHEA aims "to foster the development and achievement of excellence in further and higher education in Malta through research, effective licensing, accreditation, quality assurance, and recognition of qualifications established under the Malta Qualifications Framework."– (Source: Chapter 327, Education Act).

The revised Guidelines for External Quality Assurance of Further Education Institutions/VET Institutions will provide guidance on External Quality Assurance audit procedures and support institutions in quality enhancement and continuous development of their operations.

**Tasks**

The experts will be requested to:

Determine and analyse contextual factors impacting the Guidelines for EQA of FEIs;

Expand on international benchmarking of comparable countries in the implementation of similar audit/accreditation models, including validation of best practice;

Organise a consultation meeting/VET breakfast;

Produce a revised version of the Guidelines for EQA of FEIs;

Take part in the final webinar.

The revised Guidelines for External Quality Assurance of Further Education Institutions shall be completed by the end

jitlestew sal-aħħar ta' Settembru 2024. Il-webinar se jsir f'Diċembru 2024. Ir-remunerazzjoni għal-dan il-proġett hija ta' €4,800 għal kull espert.

**Applikazzjoni**

L-applikanti interessati għandhom jissottomettu ittra elettronika bis-CV tagħhom, kopji skennjati taċ-ċertifikati tal-kwalifiki u ittra ta' motivazzjoni lil (qa@mfhea.mt) bis-suġġett 'Sejħa għal Espressjoni ta' Interess: Għażla ta' esperti sabiex jirrevedu l-Linji Gwida għall-verifika esterna tal-kwalità tal-Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla', sa mhux iktar tard mis-6 ta' Marzu, 2024.

**Protezzjoni tad-Data**

Kwalunkwe informazzjoni pprovduta fid-dokumentazzjoni relatata mal-applikanti hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali u l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni.

Iktar dettalji jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mill-indirizz elettroniku mniżżel iktar 'il fuq.

Is-27 ta' Frar, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Sospensjoni tat-Traffiku u Pparkjar**

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024 mid-9.30 a.m. sas-2.00 p.m.,Triq Fidiel Zarb se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijiet.

Is-27 ta' Frar, 2024

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10:00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024, għal:**

Avviż Nru. 7. Bejgħ tale quale ta' sit f' Nru. 39, Triq San Gwann Evenġelista, Il-Wardija fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2022_0497. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,100 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħdax-il elf u għaxar ewro (€11,010)

of September 2024. The webinar shall be held in December 2024. The remuneration for this project is €4.800 per/expert

**Application**

Interested applicants are to submit an email with a CV, scanned copies of certificates of qualification and motivation letter to (qa@mfhea.mt) with subject 'Call for Expression of Interest: Selection of experts to revise the Guidelines for EQA of FEIs' by not later than 6th March, 2024.

**Data Protection**

Any information provided in the documentation related to applicants is subject to EU legislation on protection of personal data and confidentiality of information.

Further details or clarification may be obtained from the above email address.

27th February, 2024

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

**Traffic and Parking Suspension**

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Friday, 1st March, 2024 from 9.30 a.m. till 2.00 p.m. Triq Fidiel Zarb will be closed to all traffic. Parking of vehices is not allowed on this day during these times.

27th February, 2024

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 29th February, 2024, for:**

Advt No. 7. Sale tale quale of a site at No. 39, Triq San Gwann Evenġelista, Il-Wardija in the limits of St Paul's Bay, as shown edged in red on the plan P.D. 2022_0497. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eleven thousand and ten euro (€11,010) will not

ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 8. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit magħruf bħala 'Il-Bur' fil-Wied ta' Santa Marija taż-Żellieqa, Ħal Għargħur, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2013_402. Dan is-sit jista' jkun suġġett għal servitujiet eżistenti favur proprjetà adjaċenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru. 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,886 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mija u tnejn u sittin ewro (€1,962) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 9. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' garaxx mingħajr l-arja tiegħu għax mhijiex inkluża f'Nru. 6, Triq is-Sibi, Qasam tad-Djar tar-Rinella, Il-Kalkara, kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala Garage No. 6 fuq il-pjanta P.D. 77_84_1_6. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 10 ġie rtirat.

Avviż Nru. 11. Kiri għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena ta' ħanut tale quale f'Nru. 182, Triq il-Merkanti kantuniera ma' Triq it-Teatru, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2013_190. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €33,507 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħdax-il elf u mija u disgħa u sittin ewro (€11,169) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 12. Bejgħ tale quale ta' sit fuq in-naħa ta' wara tal-fond 'Morning Star' Triq Ġanni Vassallo, Ir-Rabat, Għawdex, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2022_0416. Dan

be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 8. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site known as 'Il-Bur' at Il-Wied ta' Santa Marija Taż-Żellieqa, Ħal Għargħur, shown edged in red on plan P.D.2013_402. This site maybe subject to existing servitudes in favour of the adjacent properties. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,886 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred and sixty-two euro (€1,962) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 9. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace as it is not included at No. 6 Triq is-Sibi, Rinella Housing Estate, Kalkara, as shown edged in red and marked Garage No. 6 on the plan P.D.77_84_1_6. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred euro (€1,900) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 10 has been withdrawn.

Advt No. 11. Lease for commercial purposes for a period of fifteen (15) years of a shop tale quale at No. 182, Triq il-Merkanti, cornering with Triq it-Teatru, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D. 2013_190. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €33,507 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of eleven thousand and one hundred and sixty-nine euro (€11,169) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 12. Sale tale quale of a site at the back of the premises at 'Morning Star' Triq Ganni Vassallo, Victoria, Gozo, as shown edged in red on the plan P.D.2022_0416.

is-sit huwa mdawwar minn proprjetajiet ta' terzi (landlocked). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,900 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u ħamsa u erbgħin elf u ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€145,564) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 13. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' Sit tale quale biex jintuża biss għal skop ta' ġnien fi Triq il-Kamumilla, Iż-Żejtun, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2011_959_A_2. Dan is-sit huwa suġġett għal servitujiet eżistenti favur il-proprjetà adjaċenti. Din il-proprjetà trid tintuża biss għal skop ta' estensjoni ta' front garden u biex jinħoloq side curtelage. Fl-eventwalità li dan is-sit jiġi ppjanat għal units residenzjali u/jew kummerċjali, l-emfitewta jkun obbligat iħallas id-differenza għat-titjib fil-valur tas-sit. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont ir-rata tal-inflazzjoni kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,010 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u sitt mija u sebgħin ewro (€1,670) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024, għal:**

Avviż Nru. 14. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena mhux għal skopijiet residenzjali ta' żewġt (2) ikmamar f'Nru. 20, Sur San Ġwann, Bormla, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2020_0459. Dan il-fond huwa tale quale u fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €4,350 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u erba' mija u ħamsin ewro (€1,450) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 15. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax-il (15) sena għal skopijiet kummerċjali ta' ħanut tale quale, fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija u bi bżonn ta' attenzjoni, f'Nru. 1, Ta' Pascarella, Ħal Qormi, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 235_88_3_1. L-arja ta' fuq dan il-ħanut mhijiex inkluża fl-offerta. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €14,100

This site is landlocked. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and forty-five thousand and five hundred and sixty-four euro (€145,564) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 13. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a Site tale quale to be used solely for gardening purposes at Triq il-Kamumilla, Żejtun, as shown edged in red and marked Letter 'B' on the plan P.D. 2011_959_A_2. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent property. This property shall be used solely for the purposes of extending the front garden and creating a side curtilage. In the eventuality that the site is planned for development of residential and/or commercial units, the emphyteuta shall be obliged to pay for the enhancement value of the site. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision according to the rate of inflation as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,010 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and six hundred and seventy euro (€1,670) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 14th March, 2024, for:**

Advt No. 14. Lease for a period of fifteen (15) years for non-residential purposes of two (2) rooms at No. 20, Sur San Ġwann, Cospicua, as shown edged in red on the plan P.D.2020_0459. This premises is tale quale and in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €4,350 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and four hundred and fifty euro (€1,450) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 15. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes of a shop tale quale, in its present state uncluding any latent defects and in need of attention, at No. 1, Ta' Pascarella, Ħal Qormi, as shown edged in red on the plan P.D.235_88_3_1. The airspace of this shop is not included with this tender. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €14,100 as stipulated in the

kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u seba' mitt ewro (€4,700) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 16. Bejgħ tale quale ta' garaxx sal-għoli ta' disa' filati f'Nru. 75, Triq l-Ibiskus, San Ġwann, kif muri bl-aħmar u fid-dettall fuq il-pjanta P.D.135_81_25_75. L-arja fuq dan il-garaxx mhix inkluża. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €5,352 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlieta u ħamsin elf u ħames mija u tlieta u għoxrin ewro (€53,523) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Is-27 ta' Frar, 2024

KUMMISSJONI ELETTORALI

Il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf il-ħruġ ta' Sejħa għall-Offerti (CFQ) għal kiri ta' 'emergency lights'. Din is-CFQ tista' titniżżel mis-sezzjoni tal-pubblikazzjonijiet fis-sit elettroniku tal-Kummissjoni Elettorali (www.electoral.gov.mt).

L-informazzjoni u l-materjal mitluba f'din is-CFQ għandhom jitwasslu għand il-Kummissjoni Elettorali bl-idejn f'envelop issiġillat u ddepożitat f'kaxxa ssiġillata fl-Uffiċċju Elettorali, Ċentru tal-Għadd tal-Voti, (Eks Trade Fair Grounds), In-Naxxar, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew), tal-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024.

Is-27 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

tender conditions. Offers below the amount of four thousand and seven hundred euro (€4,700) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 16. Sale tale quale of a garage up to the height of nine courses (filati) at No. 75, Triq l-Ibiskus, San Ġwann, as shown edged in red and in detail on the plan P.D.135_81_25_75. The airspace on this garage is not included. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,352 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fifty-three thousand and five hundred and twenty-three euro (€53,523) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

27th February, 2024

ELECTORAL COMMISSION

The Electoral Commission notifies the issue of a Call for Quotations (CFQ) for the hiring of 'emergency lights'. The CFQ may be downloaded from the publications section of the Electoral Commission's website (www.electoral.gov.mt).

The information and material requested in the CFQ must reach the Electoral Commission by hand in a sealed envelope and deposited in a sealed box at the Electoral Office, Counting Hall Complex, Ex Trade Fair Grounds, Naxxar, by not later than Friday, 1st March, 2024, at noon (Central European Time).

27th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

**Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:**

CFT 021-3219/24. Provvista ta' 'Calcipotriol 50mcg/g u Betamethasone 500mcg/g ointment or cutaneous foam'

CFT 020-3220/24. Provvista ta' oġġetti mixxellanji għall-użu ġenerali

CFT 020-3221/24. Provvista ta' ingwanti 'latex free sterile sz 6'

CFT 020-3222/24. Provvista ta' 'Hydroalginate with silver dressing, size 10 x 10cms'

CFT 020-3223/24. Provvista ta' single stage malleable venous cannulae

CFT 020-3224/24. Provvista ta' consumables għal bacteriology laboratory

CFT 009-3225/24. Provvista u konsenja ta' 'clinical wash hand basins and wall mounted mixers' effiċjenti fl-użu tal-ilma

CFT 020-3226/24. Provvista ta' 'standard guidewires 0.035"'

CFT 009-3227/24. Kiri ta' generator għal MRI fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

CFT 009-3228/24. Provvista u konsenja ta' madum tal-art, madum tal-kmamar tal-banju u sanitary ware effiċjenti fl-użu tal-ilma

CFT 009-3229/24. Provvista ta' 'tow truck batteries'

CFT 009-3230/24. Provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' AC units għall-entitajiet kollha fi ħdan l-MFA

CFT 020-3231/24. Provvista ta' 'bar code labels'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Is-27 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 020-3116/24. Provvista ta' 'nasogastric bags', u CFT 20-3122/24. Provvista ta' 'nasal pre-formed endotracheal tubes, cuffed and non-cuffed', ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 2 ta' Frar, 2024, id-data tal-għeluq ġiet estiża għall-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024.

Is-27 ta' Frar, 2024

**Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Wednesday, 20th March, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:**

CFT 021-3219/24. Supply of Calcipotriol 50mcg/g and Betamethasone 500mcg/g ointment or cutaneous foam

CFT 020-3220/24. Supply of miscellaneous items for general use

CFT 020-3221/24. Supply of gloves latex free sterile sz 6

CFT 020-3222/24. Supply of Hydroalginate with silver dressing, size 10 x 10cms

CFT 020-3223/24. Supply of single stage malleable venous cannulae

CFT 020-3224/24. Supply of consumables for bacteriology laboratory

CFT 009-3225/24. Supply and delivery of clinical wash hand basins and water efficient wall mounted mixers

CFT 020-3226/24. Supply of standard guidewires 0.035"

CFT 009-3227/24. Hire of generator for MRI at the Gozo General Hospital

CFT 009-3228/24. Supply and delivery of floor tiles, bathroom tiles and water efficient sanitary ware

CFT 009-3229/24. Provision of tow truck batteries

CFT 009-3230/24. Supply, installation and commissioning of AC units for all entities within the MFA

CFT 020-3231/24. Supply of bar code labels

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

27th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 020-3116/24. Supply of nasogastric bags, and CFT 20-3122/24. Supply of nasal pre-formed endotracheal tubes, cuffed and non-cuffed, published in the Government Gazette of Friday, 2nd February, 2024, the closing date will be extended till Friday, 1st March, 2024.

27th February, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 28 ta' Frar, 2024.**

ERU2202U24A – Medicinal
ERU2202U24B – Devices
ERU2202U24C – Medicinal
ERU2202U24 – Devices
ERU2202U24 – Medicinal
ERU2302U24 – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Is-27 ta' Frar, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

**The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 28th February, 2024.**

ERU2202U24A – Medicinal
ERU2202U24B – Devices
ERU2202U24C – Medicinal
ERU2202U24 – Devices
ERU2202U24 – Medicinal
ERU2302U24 – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

27th February, 2024

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz (Għawdex) jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

**Kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, għal:**

Kwot. Nru. SLLC/05/2024. Ħolqien u kkummissjonar ta' pannelli tal-mużajk.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Frar, 2024

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

The San Lawrenz (Gozo) Local Council notifies the general public that:

**Quotations will be received through ePPS up till 10.00 a.m. on Friday, 22nd March, 2024, for:**

Quot. No. SLLC/05/2024. Creation and commissioning of mosaic panels.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th February, 2024

KUNSILL LOKALI L-QALA

Il-Kunsill Lokali l-Qala jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

**Offerti/kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Marzu, 2024, għal:**

Avviż Nru. QLLC/03/2024. Servizzi ta' architect contracts manager (Il-Qala);

Kwot. Nru. QLLC/04/2024. Kiri ta' garaxx fil-Qala, Għawdex.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-27 ta' Frar, 2024

QALA LOCAL COUNCIL

The Qala Local Council notifies the general public that:

**Tenders/quotations will be received through ePPS up to 10.00 a.m. of Wednesday, 20th March, 2024, for:**

Advt No. QLLC/03/2024. Services of architect contracts manager (Qala);

Quot. No. QLLC/04/2024. Renting of a garage in Qala, Gozo.

Tender/quotations documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

27th February, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

441

Permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Jannar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Carmela sive Carmen Degaetano vs Judith Farrugia, Rikors numru 457/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Judith Farrugia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Maria Carmela sive Carmen Degaetano, armla minn Maurice Degaetano (KI 956048M) vs Judith Farrugia (KI 9627M) u l-Awtorità tad-Djar (bħala intervenut fil-kawża) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-6 ta' Settembru, 2023, ir-rikorrenti Maria Carmela sive Carmen Degaetano (KI 956048M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord, sabiex:

1. Jiddetermina jekk l-intimata Judith Farrugia tgħaddix mit-test tal-mezzi hekk kif stipulati skont l-Att XXIV tas-sena 2021;

2. Jiddetermina illi f'każ negattiv li l-intimata ma tgħaddix minn dan it-test, il-Bord jagħti dawk l-ordnijiet neċessarji u opportuni sabiex l-intimata tiżgombra mill-fond 54, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa, wara li jagħti perjodu ta'

By means of a decree of the 16th January, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Maria Carmela sive Carmen Degaetano vs Judith Farrugia et, Application number 457/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Judith Farrugia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Maria Carmela sive Carmen Degaetano, widow of Maurice Degaetano (ID 956048M) vs Judith Farrugia (ID 9627M) and Housing Authority (as intervener in the case) filed before the Rent Regulation Board, on the 6th September 2023, the applicant Maria Carmela sive Carmen Degaetano (ID 9627M) requested this Honourable Board so that:

1. Determine whether the respondent Judith Farrugia passes the means test as stipulated in terms of Act XXIV of the year 2021;

2. Determine that in the negative that the respondent does not pass this test, the Board gives the necessary and opportune orders so that the respondent vacates the premises 54, Triq it-Tankijiet, Birzebbugia, after giving a period

mhux aktar minn sentejn (2) lill-intimata għal dan l-iskop u wara li jistabbilixxi l-kumpens xieraq għal perjodu pagabbli lir-rikorrenti;

3. Jiddetermina illi f'każ fejn l-intimata tissodisfa l-kriterji tal-assi u kapital kif imsemmi mill-istess Att XXIV 2021, l-istess Onorabbli Bord jiffissa l-kera xieraq hekk kif provdut skont l-Artikolu 12B tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta billi jigi stabbilit il-valur liberu fis-suq miftuħ tal-fond de quo okkorrendo b'nomina ta' perit tekniku mill-istess Onorabbli Bord u dan sabiex jigi stabbilizzat il-kera xieraq sa mhux iktar mill-massimu ta' 2% abbażi l-valur fattwali mill-1 ta' Jannar, 2023;

4. Jordna sabiex iż-żieda għal tali kera tkun applikabbli mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors hekk kif stipulat skont il-liġi b'riserva li jekk ikun il-każ, l-istess rikorrenti tkun tista' titlob kwalsijasi awment ieħor fir-rata tal-kera u/jew kwalsijasi tibdil ieħor fil-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kirjiet.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll kull dritt spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimata u/jew jekk ikun il-każ kontra l-Awtorità tad-Djar.

Rikorrenti: 16, Pevio, Triq il-Karenza, Ħal Balzan

Intimata: 54, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa

Ir-rikors fl-ismijiet Maria Carmela sive Carmen Degaetano vs Judith Farrugia et, Rikors numru 457/2023JG, jinsab differit għall-4 ta' Marzu, 2024, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of not more than two (2) years to the respondent for this purpose and after establishing the appropriate compensation for a period payable to the applicant;

3. Determine that in case where the respondent meets the criteria of assets and capital as mentioned by the same Act XXIV 2021, the same Honourable Board fixes the appropriate rent as provided according to Article 12B of Cap 158 of the Laws of Malta by establishing the free open market value of the premises de quo if necessary by appointment of a technical referee by the same Honourable Board and this in order to stabilise the appropriate rent up to a maximum of 2% on the basis of the factual value as of 1 January, 2023;

4. Order that the increase to such rent be applicable from the date of filing of this application as stipulated according to law, saving that if the case arises, the applicant may request any further increase in the rate of rent and/or any other change in the conditions governing the rents.

With costs of the present as well as any right due to the applicant against the respondent and/or if the case may be against the Housing Authority.

Applicant: 16, Pevio, Triq il-Karenza, Ħal Balzan

Respondent: 54, Triq it-Tankijiet, Birżebbuġa

The application in the names Maria Carmela sive Carmen Degaetano vs Judith Farrugia et, Application number 457/2023JG, has been postponed for hearing to the 4th March, 2024, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 22nd February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

442

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fis-27 ta' Novembru, 2023, fl-atti tar-Rikors numru 27/2020 fl-ismijiet Alice Vella (KI 218446 M) vs Joseph Debono (KI 629952M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmi Joseph Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 27/2023 ppreżentat fis-7 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet premessi Alice Vella interponiet appell mid-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023, fejn ħassitha aggravata li dan il-Bord għamel apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal (Inferior jurisdiction), on the 27th November, 2023, in the records of the Application number 27/2020 in the names Alice Vella (ID 218446M) vs Joseph Debono (ID 629952M), the following publication was ordered for the purpose of service of the said Joseph Debono in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 27/2023 filed on the 7th November, 2023, in the names premised Alice Vella filed an appeal against the Rent Regulation Board's decision given on the 27th October, 2023, whereby she felt aggrieved that this Board made a wrong appreciation of the facts and

mressqa biex wasal għas-sentenza attakkata u dan għar-raġunijiet iddettaljati fl-istess rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-esponenti appellanti Alice Vella qiegħda titlob bir-rispett li din l-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza attakkata u minflok tilqa' t-talba tal-esponenti biex ma ġġeddidx il-kirja favur l-intimat appellat u tordna l-iżgumbrament tiegħu mill-fond 3, Triq il-Gudja, Ħal Kirkop, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Ir-Rikors numru 27/2020 fl-ismijiet Alice Vella (KI 218446 M) vs Joseph Debono (KI 629952M) jinsab iddifferit għall-15 ta' Marzu, 2024, fl-10.10 a.m.

Notifika: Joseph Debono, 31, St Joseph Triq il-Mitjar Hal Luqa

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 19 ta' Frar, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

evidence produced to reach the appealed judgment and this for the reasons detailed in the same appeal application.

Therefore, the applicant appellant Alice Vella is respectfully requested this Court to revoke and annul the appealed judgement and instead uphold the applicant's request not to renew the lease in favour of the respondent and to order his eviction from the premises 3, Triq il-Gudja, Ħal Kirkop, with costs of both instances against him.

Application number 27/2020 in the names Alice Vella (ID 218446 M) vs Joseph Debono (ID 629952M) is postponed to the 15th March, 2024, at 10.10 a.m.

Notification: Joseph Debono, 31, St Joseph Triq il-Mitjar Hal Luqa

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 19th February, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

443

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2024, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4967/2023, fl-ismijiet l-Av. Christian Farrugia et vs D. A. Holdings Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' D. A. Holdings Limited a tenur tal-Artikolu 831(1)(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' Novembru, 2023

Lil D. A. Holdings Limited ta' The Sales Shop, 114, Triq il-Kbira San Ġużepp, Il-Ħamrun

Permezz tal-preżenti, l-Avukat Dott. Christian Farrugia (KI 441363M), l-Avukat Damien Degiorgio (KI 103075M) u l-Avukat Dott. Denia Ellul (KI 20491M) għan-nom tad-ditta legali Fenech Farrugia Fiott Legal, filwaqt li jagħmlu referenza għall-ittra uffiċjali bin-numru 36/2022 datata 6 ta' Jannar, 2022, ġja mibgħuta lilek, liema ittra tirreferi għas-servizz legali reżi lilek, qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien tlett ijiem min-notifika tal-preżenti tersaq għall-ħlas tas-somma ta' €26,845 rappreżentanti drittijiet, spejjeż u ammonti kollha dovuti lilhom inkonnessjoni mas-servizzi reżi lilek kif jirriżulta mill-anness rendikont immarkat bħala Dok. A u kif ammess minnek stess.

Fin-nuqqas li tersaq għall-ħlas riferit, il-mittenti mhux se jifdallhom triq oħra għajr li jieħdu passi ulterjuri fil-konfront tagħkom inkluż il-ħruġ tal-mandati kollha meqjusa opportuni fiċ-ċirkostanzi.

By means of a decree of the 22nd February, 2024, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 4967/2023, in the names Advocate Dr Christian Farrugia et noe vs D. A. Holdings Ltd, the following publication for the purpose of service on the respondent company D. A. Holdings Limited was ordered in terms of Article 831(1)(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st November, 2023

To D. A. Holdings Ltd of The Sale Shop, 114, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun

By the present Advocate Dr Christian Farrugia (ID 441363M), Advocate Dr Damien Degiorgio (ID 103075M) and Advocate Dr Denia Ellul (ID 20491M) for and behalf of the legal firm Fenech Farrugia Fiott Legal, whilst referring to the judicial letter number 36/2022 dated 6th January, 2022, already send to you, which letter refers to the legal service rendered to you, they are soliciting you so that within three days from the service of the present you come forward for the payment of the sum of €26,845 representing all the fees, expenses and amounts due to them in connection with the services rendered to you as results from the attached statement marked as Doc. A and as admitted by you.

If you fail to come forward for the payment referred to, the interpellants shall have no alternative but to take further action against you including the issuing of all the warrants deemed opportune in the circumstances.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 26 ta' Frar, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 26th February, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

444

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 610/2015 fl-ismijiet George Borg (KI 349953M) et vs Bartholomeo Bonett (KI 444966M) u martu Nadia Bonett (KI 401372M) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika ta' avviż tas-smigħ fil-konfront tal-imsemmija intimati Bartholomeo Bonett u Nadia Bonett a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Frar 2024 għar-rigward tal-Avviż ta' Smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet fuq msemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar il-5 ta' Diċembru, 2023, u ddifferita għas-27 ta' Frar, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika: Bartholomeo Bonett u Nadia Bonett, Triq Dun Karm, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 23 ta' Frar, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By order of the Court of Appeal given on 22nd February, 2024, in the records of Application number 610/2015 in the names George Borg (ID 349953M) et vs Bartholomeo Bonett (ID 444966M) and his spouse Nadia Bonett (ID 401372M) the court ordered this publication to serve as a notification of the notice of hearing in regard to the said Bartholomeo Bonett and his spouse Nadia Bonett pursuant to section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a decree of the Court of Appeal of the 22nd February 2024 regarding the Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts for this cause and since the written procedures before the Court of Appeal in the cause in the names above mentioned have been closed, the Court fixed the hearing of this cause for the 5th December, 2023, and deferred to 27th February, 2024, at 9.30 a.m.

Notification: Bartholomeo Bonett and Nadia Bonett, Triq Dun Karm, Birkirkara

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 23rd February, 2024

DR FRANCO BONDIN LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

445

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Georgina sive Gina Gauci et vs Lawrence Grech, Rikors numru 360/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Lawrence Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors nurmu 360/2023JG fl-ismijiet Georgina sive Gina Gauci (KI 90475M), Josephine sive Josette Bellia (KI 465857M) u Joseph Xerri (KI 567365M) vs Lawrence Grech (KI 579660M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-20 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti Georgina sive Gina Gauci (KI 90475M), Josephine sive Josette Bellia (KI 465857M) u Joseph Xerri (KI 567365M) talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. F'każ li jirriżulta li l-intimat jissodisfa l-kriterju tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

By means of a decree of the 25th October, 2023, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Georgina sive Gina Gauci et vs Lawrence Grech Application number 360/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Lawrence Grech in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

By means of an application number 360/2023JG in the names Georgina sive Gina Gauci (ID 90475M), Josephine sive Josette Bellia (ID 465857M) and Joseph Xerri (ID 567365M) vs Lawrence Grech (ID 579660M) filed before the Rent Regulation Board, on the 20th June, 2023, the applicants Georgina sive Gina Gauci (ID 90475M), Josephine sive Josette Bellia (ID 465857M) and Joseph Xerri (ID 567365M) requested with respect so that this Board:

